4 ta' Diċembru, 1957

**Imħallfin:—**

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Spiridione Zammit *versus* Avv. Dr. Antonio Caruana

**Professjonista — Avukat — Mandat — Danni — Kolpa — Prova — Art. 1970 tal-Kodiċi Ċivili**

*Skond il-liġi, meta wieħed jiġi mqabbad jagħmel xi ħaġa fil-kors tal-professjoni li hu jeżerċita, u dan mingħajr limitazzjoni espressa ta' fakoltà, għandu jiġi preżunt li lilu ġiet akkordata l-fakoltà li jagħmel dak kollu li jkun meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-inkariku lilu mogħti.*

*L-inkariku li jassumi l-avukat biex jippatroċina l-klijent huwa għal kollox "sui generis", li javviċina l-lokazzjoni d'opera u anki lill-mandat.*

*L-avukat ma għandux bżonn jagħmel provi fis-sens li huwa rċieva l-inkariku minn għand il-klijent; għax l-asserzjoni tiegħu hija biżżejjed bħala prova tal-inkariku; u l-ħtija, bħala element tar-riżarċiment tad-danni, ma tivverifikax ruħha fl-avukat jew konsulent ieħor legali, bil-fatt biss illi l-ġudizzju minnu express jiġi rikonoxxut żbaljat mit-tribunali. Biex l-iżball li jieħu l-avukat jiswa bħala element għad-danni, jeħtieġ li jkun l-effett ta' injoranza kolpuża jew ta' inkapaċità evidenti.*

*Konsegwentement, jekk fl-aġir tiegħu l-avukat ma jistax jiġi ritenut li kien fiħtija bħala element tar-rifazzjoni tad-danni; u ma jirriżultax li l-ġudizzju tiegħu kien manifestament żbaljat b'mod li kien l-effett ta' inkapaċità evidenti, il-fatt li l-Qorti tirritjeni li l-ġudizzju tiegħu kien żbaljat mhux biżżejjed biex jippriva lill-avukat mill-onorarju tiegħu u biex jirrendieh responsabbli għad-danni lejn il-klijent.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, li biħ l-attur, wara li jippremetti illi l-konvenut, b'ittra uffiċjali tat-3 ta' Awissu 1953, interpellaħ biex iħallas is-somma ta' £20.19.2, drittijiet u spejjeż, skond taxxa dok. "A", għal prestazzjonijiet professjonali in konnessjoni mas-suċċessjoni ta' Caterina armla minn Giorgio Camilleri; u illi l-proċeduri li għalihom ġiet rilaxxjata l-imsemmija taxxa ma ġewx magħmula fuq l-istruzzjonijiet tiegħu, u kienu kuntrarji għall-interessi tiegħu,

barra minn £1.14.10 għall-ewwel erbgħa partiti tal-ispejjeż tat-taxxa u għat-tliet partiti tad-drittijiet għall-kopja tat-testment u ċertifikati relattivi; u infatti ġew revokati mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Reġina fuq rikors tiegħu, li nkorra spejjeż biex jottjeni l-istess revoka; jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, speċjalment id-dikjarazzjoni tal-inattendibbilità tal-imsemmija taxxa, (1) jiġi dikjarat u deċiż illi huwa ma għandux jagħti lill-konvenut l-imsemmija somma ta' £19.4.4, li tirriżulta wara li jitnaqqsu mit-total ta' £20.19.2 l-partiti fuq ammessi; (2) il-konvenut jiġi dikjarat responsabbli tad-drittijiet professjonali u spejjeż inkorsi biex jottjeni r-revoka tal-imsemmija proċeduri, u kundannat iħallsu s-somma ta' £4.18.4, skond il-kont dok. "C", għall-istess spejjeż. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali taż-17 ta' Awissu 1953;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-28 ta' Jannar 1957, li biha ġie deċiż adeżivament għat-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

*Omissis;*

Illi b'ittra uffiċjali tat-3 ta' Awissu 1953 il-konvenut interpella lill-attur biex iħallsu s-somma ta' £20.19.2, drittijiet u spejjeż għall-prestazzjonijiet professjonali li kien irrendielu in konnessjoni mas-suċċessjoni ta' Caterina armla Camilleri, skond taxxa fil-fol. 8, 9, 10 u 11 tal-istess proċess. L-attur jippretendi li l-proċeduri li għalihom ġiet rilaxxjata dik it-taxxa ma ġewx magħmula mill-konvenut fuq istruzzjonijiet tiegħu, barra minn xi partiti tal-ispejjeż u ta' xi drittijiet, kif ukoll li l-istess proċeduri kienu in parti kuntrarji għall-interessi tiegħu, tant li fuq talba tiegħu ġew revokati mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti; u għalhekk qiegħed jitlob li jiġi dikjarat illi huwa ma għandux jagħtieh is-somma rappreżentanti d-drittijiet u spejjeż għall-proċeduri pretiżi magħmula mill-konvenut mingħajr inkariku tiegħu, u anzi kontra l-interessi tiegħu, kif ukoll li l-konvenut iħallsu l-ispejjeż li għamel biex jottjeni r-revoka ta' dawk il-proċeduri;

Illi jrid jiġi eżaminat jekk il-proċeduri lamentati mill-attur ġewx mill-konvenut reżi fuq l-istruzzjonijiet tiegħu, u jekk l-istess proċeduri kienux kuntrarji għall-interessi tal-attur;

Hu magħruf li l-avukat ma għandux bżonn jipprova li ġie lilu mogħti l-inkariku, għaliex l-asserzjoni tiegħu hi prova tal-inkariku; salv naturalment li l-parti l-oħra tipprova l-kuntrarju (Vol. XXIX-II-801, 1026). Fil-każ taħt konsiderazzjoni, mhux biss il-konvenut jasserixxi li kellu l-inkariku mill-attur, imma dan stess ma jinnegax li ta l-inkariku biex jirrendilu l-prestazzjonijiet professjonali kollha elenkati fil-fol. 8, 9, 10 u 11 tal-proċess, partikolarment dawk għan-nomina ta' eżekutur testamentarju u konsegwenti formazzjoni tal-inventarju tal-assi ta' Caterina armla Camilleri u dawk relattivi għalihom. Din l-aħħar ċirkustanza f'dan il-każ partikulari għandha importanza massima; għaliex l-inkariku konferit lill-professjonista jimplika fil-mandatarju l-poter li jagħmel dak kollu li hu meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-inkariku li jkun irċieva (Vol. XXIX-II-968); u għalhekk, għamel x'għamel, anki talvolta ħażin, fl-eżekuzzjoni ta' dak l-inkariku, basta bi żball biss u mhux ukoll b'qerq jew bi ħtija kbira, jew minħabba li tassew ma jafx is-sengħa tiegħu, il-konvenut mhuwiex responsabbli għall-ħsara li l-attur seta' sofra (Vol. XXIX-II-331). Konsegwentement, trid issir l-indaġini dwar x'kien l-inkariku mogħti mill-attur lill-konvenut, u jekk dak li għamel dan ta' l-aħħar għamlux fil-limiti ta' dak l-inkariku u fl-interess tal-attur;

Illi, in segwitu għat-testment ta' Caterina armla minn Giorgio Camilleri, magħmul fl-14 ta' Jannar 1935 fl-atti tan-Nutar Salvatore Borg Olivier, minħabba l-premorjenza tal-eredi istitwiti fl-ewwel lok biħ, ġie lill-attur imħolli l-użufrutt tul ħajtu tal-beni kollha tat-testatriċi, mobili u immobili, preżenti u futuri, mingħajr obligu li jagħmel l-inventarju u li jagħti l-kawzjoni; u l-proprjetà ġiet imħollija nofs lill-Istitut "GesùNazareno" taż-Żejtun, u n-nofs l-ieħor, flimkien, lill-Istituti Fra Diego, San Giuseppe, u Adelaide Cini tal-Ħamrun, u liż-żewġ Missjonijiet esteri

Maltin, waħda fl-Abissinja u diretta minn Padre Angelo Mizzi, u l-oħra ta' San Paolo, ġa diretta minn Monsinjur De Piro Navarra, kwint kull wieħed;

Kif xehdet mart l-attur, meta mietet it-testatriċi xi ħadd mar jagħtiha iċ-ċavetta tal-fond fejn l-istess kienet toqgħod, u fejn mietet, u in segwitu xi ħadd reġa mar jitlobielha lura. Minħabba f'hekk hija marret għand il-konvenut biex tikkonsulta ruħha miegħu x'kellha tagħmel u x'kellu jsir, u ħallietu biex imexxi huwa. Il-konvenut xehed li mart l-attur kienet qaltlu li nies id-decujus kienu mpossessaw ruħhom mill-assi tagħha, daħlu fid-dar, ġarrew minn hemm xi mobbli, u l-flus tagħha kienu għand nies barranin; u talbitu biex jara t-testment. Fuq dan il-kliem huwa mar ikellem lill-attur, li kien marid fis-sodda, u wara li ħa l-informazzjonijiet meħtieġa minn għandu, sab it-testment tad-decujus u għarraf bil-kontenut tiegħu lill-mara tal-attur, billi dan allura kien jinsab rikoverat l-isptar. Fuq dak li qallu l-attur u martu, huwa deherlu li kellu jiġi assikurat il-pussess tal-oġġetti ereditarji, speċjalment dawk mobili; u għalhekk, wara li nforma mart l-attur, huwa beda biex talab f'isem l-attur mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti n-nomina ta' persuna biex tfunġi ta' eżekutur tal-assi ereditarju tad-decujus Camilleri. Din it-talba ġiet milqugħa, u għalhekk ġie ordnat li jsir l-inventarju tal-beni komponenti dak l-assi, li għall-finijiet tiegħu ntalbet l-ispedizzjoni ta' mandat ta' inġunzjoni tal-persuni detenturi tal-imsemmija oġġetti ereditarji, u ġie nominat Imħallef Supplenti biex jisma x-xhieda tagħhom. Huwa qal lil mart l-attur biex imorru fid-dar tad-decujus u jieħdu notament tal-mobbli li kien hemm; u l-attur u martu opponew li nies id-decujus jidħlu, kif insistew li jagħmlu, f'dik id-dar; u huwa deherlu li kien ikun aħjar li dawk in-nies ikunu preżenti meta jmorru f'dik id-dar, u talab provvediment mill-Qorti għal dan l-effett; mbagħad ġew sospiżi l-proċeduri fuq talba tal-attur, li deherlu li l-konvenut ma kienx qiegħed imexxieh tajjeb. Dawk il-proċeduri ġew mill-Qorti kompetenti sospiżi, u in segwitu ġie revokat "contrario imperio" d-digriet li bih kienet ġiet

milqugħa t-talba għan-nomina ta' eżekutur testamentarju, kif ukoll l-atti l-oħra kollha relattivi u sussegwenti;

Illi, kif ingħad, l-inkariku mogħti lill-konvenut kien sempliċement dak li huwa jmexxi skond kif kien jidhirlu relattivament għaċ-ċavetta tad-dar tad-decujus, jiġifieri jekk kienx fl-interess tal-attur li jżomm dik iċ-ċavetta jew jirrestitwiha lin-nies tal-istess decujus. Issa, għalkemm minn banda jidher ċert li l-konvenut ipproċeda in buona fede, ma jidherx li għas-salvagwardja ta' dawk l-interessi kien hemm bżonn bilfors tan-nomina ta'persuna biex tfunġi ta' eżekutur, bil-konsegwenti formazzjoni tal-inventarju tal-beni komponenti l-assi tad-decujus, speċjalment meta l-attur, bħala użufruttwarju, ġie espressament eżentat mill-obligu li jagħmlu u li jagħti kawzjoni, kif ġie rilevat mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti fid-digriet tal-15 ta' Novembru 1952, li biħ l-imsemmija proċeduri ġew revokati. Bin-nomina ta' eżekutur u l-konsegwenti ordni għall-formazzjoni tal-inventarju, l-attur ġie żvesta ruħu minn drittijiet tiegħu. Dik it-talba saret mill-konvenut, imma f'isem l-attur; imma għal dak l-iskop kien hemm bżonn l-adeżjoni u l-inkariku tiegħu espress lill-konvenut. Issa, il-konvenut fil-kontro-eżami tad-depożizzjoni tiegħu mogħtija fit-13 ta' Diċembru 1955, qal li, għalkemm l-attur u martu kienu għal-korrenti ta' dak kollu li huwa kien qiegħed jagħmel, espressament in-nomina ta' eżekutur testamentarju ma jistax jgħid li huma kienu jafu biha. Din iċ-ċirkustanza l-konvenut jirrepetiha fin-nota tiegħu tas-7 ta' Marzu 1956, fein isemmi, fost riljevi oħra, dik li l-attur ma qallux bi kliem espliċitu biex jitlob dik in-nomina:

F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidher soddisfaċentement li għall-finijiet tal-inkariku mogħti lilu mill-attur, mill-proċeduri msemmijin fid-dokumenti fil-fol. 8/11 tal-proċess, dawk li l-konvenut kellu jagħmel kienu biss dawk relattivi għar-riċerki fir-Reġistru Publiku kontra Caterina Camilleri, jipprokura t-testment tal-istess Camilleri, wara li jġib il-fidi tal-mewt tagħha, kif ukoll iċ-ċertifikati mir-Reġistru Publiku u mis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti attestanti li dak kien l-aħħar testment tad-decujus, kir jinsab indikat

fiċ-ċitazzjoni; liema proċeduri jammontaw flimkien, fi drittijiet u spejjeż, għal £1.14.10, kif ukoll imsemmi fiċ-ċitazzjoni, jew £1.4.10 spejjeż u nofs lira drittijiet. Il-proċeduri l-oħra ma kienux meħtieġa, anzi kienu kuntrarji għall-interessi tal-attur, fis-sens li bihom huwa kien qiegħed jiżvesti ruħu minn drittijiet tiegħu; u l-konvenut ma kienx intitolat jagħmilhom mingħajr inkariku espress tal-attur;

Għalhekk, l-ewwel talba tal-attur għandha tiġi milqugħa; mhux għaliex il-konvent għamel xi ħaġa bi żball, u wisq anqas b'qerq jew bi ħtija, imma għaliex ma kellux inkariku "ad hoc" mill-attur biex jagħmel dawk il-proċeduri, u b'hekk dan ġie, mingħajr ma ried, jitlef ċerti drittijiet;

Illi t-tieni talba għandha wkoll tiġi milqugħa. L-attur kellu bilfors jipproċedi biex iwaqqaf lill-konvenut mill-proċeduri li dan kien qiegħed jagħmel mingħajr inkariku tiegħu malli sar jaf bihom, ċjoè sar jaf preċiż x'kien qiegħed isir; diversament, l-istess kienu jikbru, anki fl-ispejjeż, minbarra li kien jista' jingħad li kien hemm xi kunsens taċitu, għalkemm dan ma kienx ikun biżżejjed, għalihom. Biex jottjeni dik is-sospensjoni, u susseġwentement ir-revoka ta' dawk il-proċeduri, l-attur inkorra fl-ispejjeż indikati fil-fol. 12 tal-proċess, fis-somma ta' £4.18.4; liema spejjeż din il-Qorti ssib li huma ġusti u raġjonevoli, u għalhekk tapprovahom;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġi liberat mid-domandi kollha; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bl-ewwel domanda dedotta bl-att taċ-ċitazzjoni l-attur qiegħed jitlob li mill-ammont speċifikat fit-taxxa mal-istess ċitazzjoni eżibita tiġi dedotta s-somma ta' £19.4.4, billi jiġi dikjarat li huwa ma għandux jagħti dik is-somma, għaliex id-drittijiet u spejjeż minnha rappreżentati ma sarux b'inkariku tiegħu u kienu kuntrarji għall-interessi tiegħu. Bit-tieni domanda, l-attur qiegħed jirreklama l-ħlas

tas-somma ta' £4.18.4 minnu erogata biex jottjeni r-revoka ta' dawk il-proċeduri;

Illi fl-eżami ta' din il-kwistjoni huwa importanti li jiġu premessi l-prinċipji li, skond il-liġi u l-ġurisprudenza, jirregolaw ir-responsabbiltà tal-professjonista;

Jingħad, qabel xejn, li skond il-liġi, art. 1970 Kodiċi Ċivili, "quando si commette ad una persuna di fare una cosa nel corso della professione che esercita senza espressa limitazione di facoltà, si presume che le sia accordata la facoltà di fare tutto ciò che è necessario per la esecuzione del mandato" (Vol. XXV-I-597; Vol. XXIX-II 968). Ġie minn din il-Qorti ritenut (Vol. XXX-I-625) li l-inkariku li jassumi l-avukat biex jippatroċina lill-klijent huwa inkariku għal kollox "sui generis", li javviċina lill-lokazzjoni d'opera u lill-mandat. It-Tribunal ta' Ruma (12 Ottobre 1885, Fadda, voce "Avvocato", no. 614) qal "l'esercizio dell'avvocatura non è mandato, nè una locazione d'opera, benchè sia a questa che a quello si avvicini; esso è un ufficio di valore inestimabile, alla cui retribuzione provvedeva la legge speciale — para. 10, Digesto, De Extraordinaria Cognitione;

Dawn il-Qrati, min-żmien twil, irritenew li "l'avvocato non ha bisogno di provare l'incarico, dovendo bastare la sua asserzione circa tale incarico" (Vol. XVIII-II-65, 240; Vol. XX-II-479; Vol. XXVI-III-255; Vol. XXVIII-I-216; Vol. XXIX-II-801, 1026; Vol. XXX-II-238). Ġie ukoll affermat minn din il-Qorti li "la colpa come elemento per la rifazione dei danni non si verifica nell'avvocato o altro consulente legale per ciò che il giudizio da lui espresso viene dal tribunale riconosciuto erroneo, ammenocché l'errore non sia così manifesto da essere l'effetto di colposa ignoranza o di evidente incapacità" (Vol. XXVII-I-262; u Appell Ċivili 13 ta' Frar 1905 in re "Cremona vs. Dr Cremona"). F'dan is-sens ukoll hija s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili riportata fil-Volum XXIX, parte II, paġina 341. B'sentenza tal-25 ta' Ġunju 1893, il-Qorti ta' Messina qalet:— "Gli avvocati e i procuratori legali non sono responsabili di fronte ai loro clienti se non per dolo

o frode, oppure per supina ignoranza o per grave incuria" (Coen, voce Avvocati e Procuratori Legali, par. 364); u l-Qorti ta' Ruma, b'sentenza tat-23 ta' Novembru 1897) (ibid. par. 532), marret iżjed il-quddiem, u qalet:— "L'errore professionale dell'avvocato niente ha di comune colla colpa e colla imperizia, e non obbliga a risarcimento di danni". L-istess prinċipji ġew akkolti fid-Dritt Franċiż; u infatti, il-Prokuratur Generali Dupin, fir-rekwiżitorja kontra tabib quddiem il-Qorti ta' Kassazzjoni Franċiża, qal:— "Per aversi responsabilità professionale fa d'uopo che taluno abbia commesso una colpa, non usando la dovuta vigilanza sopra sè medesimo o sui propri atti, o dando prova di una ignoranza imperdonabile nell'esercizio della sua professione" (Dalloz, Responsabilità, no. 129, para. 2);

Ikkunsidrat;

Illi, stabbiliti l-prinċipji li għandhom jirregolaw il-materja in eżami, il-Qorti tgħaddi biex, mill-provi prodotti u minn dawk li għalihom saret riferenza, tiddetermina liema kienu l-fatti li taw lok għall-preżenti vertenza;

Fil-21 ta' Awissu 1952 mietet iż-Żejtun Caterina armla ta' Giorgio Camilleri, b'testment fl-atti tan-Nutar Salvatore Borg Olivier tal-14 ta' Jannar 1935. B'dan it-testment hija nnominat eredi universali tagħha, bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom, lill-ħutha Teresa u Giuseppa Callus, u Maria mart Spiridione Zammit; b'dan li, fil-każ li l-imsemmija eredi ma jkunux iridu jew ma jkunux jistgħu jaċċettaw l-eredità, minħabba premorjenza jew għal kwalunkwe raġuni oħra, l-istess testatriċi ħalliet il-beni tagħha kollha, mobili u immobili, preżenti u futuri, b'użufrutt lill-imsemmi Spiridione Zammit, kunjatu tagħha, matul ħajtu, "senza verun obbligo legale di inventario e di cauzione". Wara li jispiċċa dan l-użufrutt, il-proprjetà ta' dak il-ġid kellha tgħaddi, kwantu għal nofs lill-Istitut "Ġesù Nazareno" taż-Żejtun, u kwantu għan-nofs l-ieħor lill-Istituti Fra Diego, San Giuseppe u Adelaide Cini, tal-Ħamrun, u liż-żewġ Missjonijiet Maltin ta' barra, waħda fl-Abissinja, diretta minn Patri Angelo Mizzi, u l-oħra ta' San Pawl, ġa diretta minn

Monsinjur Giuseppe De Piro Navarra, f'porzjonijiet indaqs bejniethom;

L-eredi fl-ewwel lok istitwiti, jiġifieri Giuseppa Callus, Maria Zammit, u Teresa Callus, mietu rispettivament fl-ewwel ta' Lulju1937, fit-28 ta' Marzu 1943, u fit-13 ta' Ottubru 1950; u mħabba l-premorjenza tagħhom għat-testatriċi daħlet in vigore d-dispożizzjoni testamentarja l-oħra li biha ġie nominat użufruttwarju l-imsemmi Spiridione Zammit u eredi proprjetarji l-Istituti fuq imsemmija;

Meta mietet l-imsemmija Caterina Camilleri, l-attur kien marid id-dar, u ċ-ċwievet tad-dar tagħha ġew konsenjati lill-mart l-attur; iżda wara reġgħu rieduhom lura (fol. 34). Mart l-attur ma riedetx tagħtihomlhom, u marret tikkonsulta ruħha mal-appellant. Talbitu biex isib it-testment ta' Caterina Camilleri, u jara dawk iċ-ċwievet kienux imissu lill-żewġha, biex f'dan il-każ ma tagħtihomlhomx lura, u "ħallietu biex imexxi hu" (fol. 34 tergo);

L-attur xehed (fol. 25) li lill-appellant inkarikaħ biex isib it-testment biex jgħidlu jekk dawk iċ-ċwievet kellux jirritornahom billi reġgħu marru għalihom; u kompla jgħid li l-appellant ma kienx qallu li kien sejjer jagħmel xejn, iżda dritt ikkoreġa ruħu u qal li l-appellant "qallu li kien sejjer jagħmel xi ħaġa, imma huwa ma kkuntentax, għaliex ma kienx imħolli fuq il-kuntratt (testment)". Mix-xhieda tal-konvenut irriżulta li, meta marret għandu l-mara tal-attur, qaltlu li huma kellhom l-idea li kienu l-werrieta ta' Caterina Camilleri, u kellhom interess li niesha ma jkomplux jimpossessaw ruħhom mill-assi tagħha. Qaltlu li xi nies li kienu jiġu mid-decujus daħlu fid-dar tal-imsemmija Camilleri u ġarrew xi mobbli, li l-flus kienu qegħedin għand ċerta Marianna Valletta, u d-deheb għand persuna oħra; u nkarikatu biex jara t-testment. Semmietlu wkoll li żewġha kien jinsab marid id-dar. Wara dan l-abbokkament, il-konvenut mar għand l-attur, li kien fis-sodda, u wara li ħa minn għandu l-informazzjonijiet opportuni, fittex u sab it-testment ta' Caterina Camilleri. L-attur sadattant mar l-isptar, u l-konvenut għarraf lill-martu bil-kontenut ta' dak it-testment;

Wara dan, il-konvenut għamel il-proċeduri neċessarji biex jassikura l-pussess tal-oġġetti ereditarji, speċjalment mobili, deheb u flus, lill-attur, u għal dan il-fini ppreżenta rikors quddiem il-Qorti kompetenti biex tiġi nominata persuna li tfunġi ta' eżekutur. B'dan kollu huwa nforma lill-mara tal-attur. Għal dik it-talba għan-nomina ta' eżekutur aderew ukoll ir-rappreżentanti tal-istituti piji "Gesù Nazareno", Adelaide Cini, Fra Diego, u San Giuseppe, kif ukoll tal-Missjoni ta' San Pawl, li, kif ingħad fuq, flimkien mal-Missjoni l-oħra tal-Abissinja, kienu istitwiti eredi nudi proprjetarji bl-imsemmi testment. Il-Qorti, fil-waqt li kellha quddiemha t-testment ta' Caterina Camilleri u l-adeżjoni fuq imsemmija, b'digriet tad-29 ta' Settembru 1952, innominat bħala eżekutur lill-konvenut, bil-fakoltajiet kollha tal-liġi, u ordnatlu biex mill-aktar fis jipproċedi għall-formazzjoni tal-inventarju tal-assi tal-imsemmija Camilleri, u jassumi l-obligi msemmija fl-art. 804 tal-Kap. 23;

Biex ikun jista' jagħmel dak l-inventarju, il-konvenut talab l-ispedizzjoni ta' mandat ta' inġunzjoni kontra l-persuni li kellhom f'idejhom oġġetti ereditarji, u l-Qorti nnominat Imħallef Supplenti biex jisma dawk ix-xhieda. Huwa qal lill-mart l-attur biex imorru fid-dar ta' Camilleri u jagħmlu nota tal-mobbli li kien hemm. L-attur u martu ma riedux li nies id-decujus jkunu wkoll preżenti; u nfatti ma ħallewhomx jidħlu (dep. Carmeli Callus fol. 45, Consiglia Zammit fol. 47, Assunta Montebello fol. 47). Billi l-konvenut deherlu li kien prudenti li fid-deskrizzjoni tal-mobbli jkunu wkoll preżenti nies id-decujus, billi kien ġie avanzat xi dubju li huma kienu ħarġu xi oġġetti, talab mill-Qorti l-provvediment opportun għall-preżenza tagħhom;

Meta sar dan, inqala' l-inkwiet bejn il-kontendenti; u fuq talba tal-attur, li deherlu li l-konvenut ma kienx qiegħed imexxi tajjeb, ġew sospiżi l-proċeduri mill-Qorti kompetenti. u in segwitu ġie revokat "contrario imperio" d-digriet li bih kienet ġiet milqugħa t-talba għan-nomina ta' eżekutur testamentarju u l-atti l-oħra relattivi u sussegwenti;

Il-konvenut assikura, fix-xhieda tiegħu, li huwa kien iżomm infurmati lill-attur u lill-martu b'kull ma kien qie-

għed jagħmel, għalkemm ma semmiethomx li l-inventarju kellu jsir b'att notarili; u ma jidhirlux li semmjelhom espressament in-nomina ta' eżekutur testamentarju. Qal ukoll (fol. 48), mingħajr ma ġie kontraddett, li wara li kien innotifika lill-attur bit-taxxa tad-drittijiet u spejjeż tiegħu, il-mara tal-attur ippromettietlu l-ħlas meta tiġbor il-flus tal-assi ereditarju;

Ikkunsidrat;

Illi bis-sentenza appellata ġie ritenut li l-inkariku mogħti lill-konvenut kien biss dak li huwa jmexxi skond kif kien jidhirlu relattivament għaċ-ċavetta tad-dar tad-decujus, jiġifieri jekk kienx fl-interess tal-attur li jżomm dik iċ-ċavetta jew kellux jagħtiha lura lil nies id-decujus. Fuq dan il-pont din il-Qorti ma taqbelx mal-Ewwel Qorti; mhux biss għaliex jidhrilha li l-versjoni tal-appellant hija iżjed attendibbli, iżda anki għal dawn ir-raġunijiet: — (a) Għaliex l-istess mara tal-attur xehdet (fol. 34) li, barra milli talbet lill-konvenut biex isib it-testment ta' Caterina Camilleri, u jara jekk dawk iċ-ċwievet kellhomx jibqgħu għand żewġha, "ħallietu biex imexxi hu", jiġifieri biex jagħmel dak li kien hemm bżonn in konnessjoni ma' dak it-testment; (b) għaliex, kieku veru li l-inkariku kien limitat għall-kwistjoni taċ-ċwievet, ma jiftiehemx għala, wara li dawk iċ-ċwievet kienu u baqgħu għandhom, u ma kienx għad baqa' kwistjoni fuqhom, l-attur u martu marru mal-konvenut fid-dar ta' Caterina Camilleri biex jagħmlu nota tal-mobbli li kien hemm; huma f'din l-okkażjoni tant kienu persważi bid-drittijiet tagħhom fuq dik id-dar u fuq dak li kien hemm ġo fiha, li opponew ruħhom u ma ħallewx lil nies id-decujus jidħlu; (c) u għaliex l-imsemmija mara tal-attur ma kienetx sejra tipprometti lill-konvenut il-ħlas tad-drittijiet tiegħu u tal-ispejjeż, kieku ma kienetx persważa li kellu dritt għalihom;

Ikkunsidrat;

Illi fl-istess sentenza appellata jingħad li, għalkemm il-konvenut ipproċeda in bwona fede biex jissalvagwarda l-interessi tal-attur, ma jidherx li għal dan l-iskop kienet neċessarja n-nomina ta' persuna biex tfunġi ta' eżekutur,

bil-konsegwenti obligu tal-formazzjoni tal-inventarju, meta l-attur, bħala użufruttwarju, ġie espressament eżentat mill-obligu li jagħmlu u li jagħti kawzjoni, u għalhekk ġie żvesta ruħu mid-drittijiet tiegħu. Kif jidher mir-rikors quddiem is-Sekond'Awla (nru. 1972/52), fl-espożittiva tiegħu ġie rikapitolat eżattament il-kontenut tat-testment ta' Caerina Camilleri, inkluża d-dispożizzjoni favur ir-rikorrent Spiridione Zammit tal-użufrutt universali ta' ħwejjiġha matul ħajtu, bl-eżenzjoni mill-obligu li jagħmel l-inventarju u li jippresta kawzjoni, kif ukoll ġie rilevat li t-testatriċi ma nnominatx eżekutur testamentarju. Ġie wkoll espost li r-rikorrent kellu interess kbir li tiġi nominata persuna bħala eżekutur testamentarju ta' Caterina Camilleri, (a) biex huwa jiġi immess fil-pussess tal-legat ta' użufrutt, peress li l-eredi huma istituti piji, u (b) biex l-eżekutur jieħu mill-aktar fis pussess tal-assi, peress li xi persuni, immedjatament mal-mewt tat-testatriċi, impossessaw ruħhom minn xi beni mobili, u peress li f'idejn estranei kien hemm depożitati flus, libretti ta' depożitu, oġġetti ta' deheb u fidda, u affarijiet oħra. U għalhekk ġiet mitluba n-nomina ta' eżekutur testamentarju ta' Caterina Camilleri b'indikazzjoni tal-limiti tal-poteri tiegħu. Dak ir-rikors ġie preżentat fis-6 ta' Settembru 1952, u miegħu ġiet eżibita kopja tat-testment ta' Caterina Camilleri u l-adeżjoni tal-eredi istitwiti, barra mill-Missjoni tal-Abissinja, għal dik in-nomina.B'digriet tad-29 ta' Settembru 1952, is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, wara li semgħet lill-konvenut, u wara li rat "partikolarment" l-adeżjoni tal-eredi fuq indikati u l-art. 816 tal-Kodiċi Ċivili, laqgħet l-imsemmija talba, u nominat bħala eżekutur testamentarju lill-konvenut, bil-fakoltajiet kollha tal-liġi, u ordnat lill-eżekutur biex jipproċedi mill-iżjed fis għall-formazzjoni tal-inventarju u għall-assunzjoni tal-obligi msemmija fl-art. 804 tal-Kodiċi ċitat;

Ikkunsidrat;

Illi, skond l-art. 816 fuq imsemmi, meta ma jkunx hemm eżekutur testamentarju, l-eżekuzzjoni tat-testment tiddevolvi lill-eredi, kemm il-darba l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja "bil-kunsens tagħhom", jew il-Qorti tal-Kon-

tenzjus "għal raġuni tajba", fuq talba ta' xi ħadd li jkollu nteress, ma tkunx ħatret, minflok, persuna oħra. Skond l-art. 763 tal-Kodiċi ċitat, "il-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa mħollija b'legat". Din id-dispożizzjoni tirriferixxi għar-rapporti bejn l-eredi u l-legatarju; fis-sens illi ma jistax il-legatarju jimpossessa ruħu mill-oġġett lilu legat mingħajr il-kunsens tal-eredi (Vol. XXXIII-I-303). Dik l-immissjoni fil-pussess tista', però, issir validament mill-eżekutur testamentarju (Vol. XXVIII-I-66). Mill-premess jidher evidenti x'kien l-iskop tal-konvenut meta ppreżenta quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja l-imsemmi rikors għan-nomina ta' eżekutur testamentarju. Billi wieħed mill-eredi istitwiti kien istitut piju li kellu s-sede tiegħu barra minn Malta, huwa deherlu li kien iżjed spedjenti jitlob in-nomina ta' eżekutur biex minn għandu jkollu l-immissjoni tal-pussess tal-legat ta' użufrutt favur l-attur f'qasir żmien, u mingħajr telf jew distrazzjoni ta' oġġetti li kienu jidħlu f'dak il-legat. Dik il-proċedura ma kienetx kontra l-liġi; u prova ta' dan hija li l-Qorti laqgħet it-talba għal dik in-nomina, u rrevokatha biss meta l-attur, fil-31 ta' Ottubru 1952, għamel domanda għar-revoka "contrario imperio" tad-digriet preċedenti tad-29 ta' Settembru 1952, billi dik il-Qorti ħasset li fil-każ "si tratta mhux biss ta' eżekuzzjoni ta' inkariku mogħti lill-avukat, imma si tratta li Spiridione Zammit kien ikun qiegħed jiżvesti ruħu, bin-nomina ta' eżekutur, minn drittijiet tiegħu, u kwindi kien hemm bżonn l-adeżjoni tiegħu u l-inkariku tiegħu espress ma kienx hemm, u li ma kienetx applikabbli għall-każ id-dispożizzjoni tal-art. 1970 tal-Kodiċi ċitat;

Ikkunsidrat;

Illi mill-premess jirriżulta:—

1. Li l-inkariku mogħti lill-konvenut kien biex jagħmel dak li kien hemm bżonn in konnessjoni mal-legat ta' użufrutt imħolli lill-attur mill-imsemmija Caterina Camilleri bit-testment tagħha tal-14 ta' Jannar 1935;

2. Li fil-kors tal-eżekuzzjoni ta' dak l-inkariku huwa, bl-adeżjoni ta' ħamsa mis-sitt werrieta ta' Caterina Camilleri, ippreżenta, għan-nom tal-attur, rikors quddiem il-Qorti

ta' Ġurisdizzjoni Volontarja għan-nomina ta' eżekutur testamentarju, billi deherlu li, għar-raġunijiet esposti fl-istess rikors, dik in-nomina kienet flinteress tal-istess attur;

3. Li l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja kienet laqgħet dik it-talba, u rrevokatha xi xahar wara fuq domanda tal-attur, għax irriteniet li, biex setgħet issir, kien hemm bżonn l-inkariku espress ta' Zammit, u li ma kienetx applikabbli d-dispożizzjoni tal-imsemmi art. 1970 tal-Kodiċi Ċivili;

4. Li kuntrarjament għal dak li ġie ritenut bl-imsemmi digriet tal-15 ta' Novembru 1952, l-appellant kien persważ li kienet applikabbli dik id-dispożizzjoni tal-art. 1970. li tgħid li "meta persuna tiġi mqabbda biex tagħmel ħaġa fil-kors ordinarju tal-professjoni jew xogħol tagħha, mingħajr ma jiġu espressament limitati s-setgħat tagħha, jitqies li lil din il-persuna ingħatat is-setgħa li tagħmel dak kollu li jidhrilha meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-mandat, u li skond ix-xorta tal-professjoni jew tax-xogħol hawn fuq imsemmijin jista' jiġi magħmul minnha";

Ikkunsidrat;

Illi, fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza iżjed il-fuq riportata, li din il-Qorti tabbraċċja u tadotta, ma jistax jiġi ritenut li fl-aġir tiegħu in konnessjoni mal-inkariku lilu mogħti mill-attur l-appellant jinsab fi ħtija "come elemento per la rifazione dei danni" billi l-ġudizzju tiegħu fuq l-applikazzjoni tal-imsemmi art. 1970 ġie rikonoxxut erroneu mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja. Lanqas jista' jiġi ritenut li dak il-ġudizzju tiegħu kien manifestament żbaljat "da essere l'effetto di colposa ignoranza o di evidente incapacità", kif rikjest skond id-deċiżjonijiet iżjed il-fuq imsemmija (Vol. XXVII-I-262; Vol. XXIX-II-341; u Appell Ċivili, 13 ta' Frar 1905, in re "Cremona vs. Dr. Cremona"). Konsegwentement, l-ewwel domanda kontenuta fl-att taċċitazzjoni ma tistax tiġi milqugħa; u lanqas tista' tiġi milqugħa t-tieni domanda, li hija aċċessorja għall-ewwel waħda u minnha tiddependi;

Fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi;

Tilqa' l-appell tal-konvenut, u tillibera lill-istess konvenut mid-domandi kontra tiegħu dedotti bl-att taċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat.

---

Tmiem tal-Ewwel Sezzjoni

tal-Ewwel Parti

tal-Volum XLI.

---